MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-11 ta' April, 2013

Numru. 782/2004

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR IAN ABDILLA**

**KONTRA**

**RENO AZZOPARDI, iben Paul u Carmen nee' Briffa, imwieled Tal-Pieta' nhar il-11 ta' Settembru, 1984, residenti f'indirizz mhux maghruf, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 457084M;**
**U JOANNE ELLUL, bint Emanuel u Spiridiona nee' Bonnici, imwielda tal-Pieta' nhar it-12 ta' Marzu, 1978, residenti fil-fond numru 7, Sqaq il-Vitorja, Zejtun, detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 149278M**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **Reno Azzopardi** u **Joanne Ellul** li gew akkuzati talli fil-lejl ta'

bejn l-14 u l-15 ta' Settembru, 2004, u fil-granet u x-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

a. Iffalsifikaw biljetti tal-flus kif ukoll mexxew biljetti tal-flus falsifikati, liema biljetti tal-flus falsifikati huma ta' flus Maltin, meta kienu jafu li huma falsifikati (dan bi ksur tal-Artikolu 45 tal-Kapitolu 204; u l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

b. U aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, minghajr awtorita' legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli, xtraw jew ircevew minghand xi persuna, kif ukoll kellhom fil-pussess taghhom, biljetti tal-flus Maltin falsifikati, meta kienu jafu li l-istess huma falsifikati (dan bi ksur tal-Artikolu 46 tal-Kapitolu 204 u ta' l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

c. U aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, ghamlu falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, kif ukoll talli xjentement ghamlu uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza (dan bi ksur tal-Artikolu 18, 183, u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

d. U aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlu qligh ta' anqas minn Lm100.00 ghad-dannu ta' Paul & Rocco Service Station u Cassar Service Station, diversi pompi tal-petrol u sidien

tal-petrol stations ohra, u persuna ohra (dan bi ksur tal-Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

e. U aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, ikkommettew serq ta' diesel u petrol minn diversi petrol stations, fosthom Paul & Rocco Service Station tal-Marsa u Cassar Service Station taz-Zejtun, u pompi ohra, ghad-dannu tas-sidien tal-istess pompi u persuni ohra, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-lok (dan bi ksur tal-Artikoli 18, 263, 269 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

f. U aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indahlu biex imexxuhom jew ibieghuhom (dan bi ksur tal-Artikoli 18 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

g. U aktar talli fl-istess data, lok, u cirkostanzi, saqu motor car jew vettura ohra minghajr licenzja tas-sewqan jew motor car jew vettura ohra li ma jkollhix licenzja (dan bi ksur tal-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

h. **<u>Joanne Ellul wahidha</u>** akkuzata wkoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, xjentement ghexet ghal kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni (dan bi ksur tal-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta);

i. U aktar talli b'hekk saret recidiva ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat li l-imputati wiegbu li ma kinux hatja tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghhom (folio 13 u 14).

Rat l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali, u cioe':

**<u>Fil-konfront ta’ Reno Azzopardi:</u>**
a. Fl-Artikoli 18, 183, 184, 308, 309, 310, 261(b)(c)(d), 263, 267, 270, 278, 279, 334, 533 tal-Kodici Kriminali;
b. Fl-Artikoli 45, 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta’ Malta;
c. Fl-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**<u>Fil-konfront ta’ Joanne Ellul:</u>**
a. Fl-Artikoli 18, 183, 184, 308, 309, 310, 261(b)(c)(d), 263, 267, 270, 278, 279, 334, 533 tal-Kodici Kriminali;
b. Fl-Artikoli 45, 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta’ Malta;
c. Fl-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta;
d. Fl-Artikolu 7 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta’ Malta;
e. Fl-Artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

Rat li moqrija l-istess Artikoli, l-imputati taw il-kunsens taghhom ghal proceduri sommarji (folio 140).

Semghet ix-xhieda prodotta. Senjalament l-Ispettur Ian Joseph Abdilla ezebixxa fl-ewwel lok l-istqarrijiet tal-imputati. Din il-Qorti in vista’ tad-decizjoni moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta’ Ottubru, 2012 fl-ismijiet Avukat Generali vs Stevens, hadet in konsiderazzjoni l-kontenut tal-istess. Dan qed jinghad ukoll stante li f’ebda hin fl-iter ta’ dawn il-proceduri qatt gie kkontestat l-mod kif ittiehdet l-istqarrija. Illi fil-fatt, u senjalament fl-istqarrija tieghu, il-ko-imputat Reno Azzopardi, imputa l-provenjenza tal-flus in kwistjoni lil certu Eugenio Gaffarena. Kien fil-fatt infurmat illi dawn seta’ juzahom gol-magni tal-petrol. Hekk jghid li ghamel meta kif qal hu kien broke u ghalhekk uza l-istess flus ghal dan l-iskop ghal diversi drabi.

Minn naha taghha Joanne Ellul insistiet, nonostante l-ammont ta’ dawn il-flus, li gabithom mill-prostituzzjoni.

L-Ispettur Ian Abdilla ezebixxa wkoll filmati tal-imputati fil-vettura Ford Escort Mark 1, li juru lil dawn f’hinijiet

specifici juzaw il-pompa minghand Paul & Rocco Service Station u Cassar Service Station, Dok IA folio 30.

George Buhagiar xehed dwar flus foloz fil-magna u li dawn kienu jikkombacjaw, ta ezempju mal-15-il transaction. Ghalhekk qabblu dan mal-filmati taghhom. Muri ghalhekk ir-ritratti, parti minn Dok JA, gharaf il-pompa u t-transazzjonijiet li saru bil-flus foloz.

Minn naha tieghu Paul Cassar xehed ghan-nom ta' Cassar Service Station Zejtun. Anke dan xehed illi kienu bdew isibu flus foloz. Anke dan spjega li s-sistema kienet tali li l-flus jinzlu wara xulxin, is-sistema kienet timmarka kull karozza kemm tkun hadet fuel, u dan kien linked ma' video camera. Ghalhekk hu seta' jghid min u minn liema karozzi kienu ntefghu l-flus foloz. Gharaf ghalhekk anke hu r-ritratti li gew estratti mill-filmat tal-camera taghhom, kif ukoll it-transazzjonijiet ezebiti.

Xehed ukoll Brian Farrugia dwar il-vettura JAV029, cioe' l-vettura wzata biex jinxtara l-fuel, din kienet iggib in-numru ta' registrazzjoni JAV029 u kienet registrata fuq Joanne Ellul, l-imputata. Senjalament wiehed jinhtieg li jiftakar ukoll f'dan ir-rigward dak li qal l-Ispettur Ian Abdilla, li darba li raw il-filmati moghtija lilhom mis-service station Paul & Rocco u Cassar, u gharfu lil Joanne Ellul minn fuq l-istess, saret tfittxija fuq l-istess Ellul, u fuqha nstabet karta ta' flus ta' Lm2.00 fil-portmoni taghha.

Minn naha tieghu Amante Farrugia, ufficjal tal-Bank Centrali, li muri Dok IA1, xehed bhala espert fuq il-flus cioe' li janalizza kemm il-karta kif ukoll is-security features fuq l-istess. Wiegeb ghal ragunijiet li ta fix-xhieda li din il-Qorti mhix ser tirriproduci minhabba sigurta', li l-flus ezebiti ma kinx fihom dawk is-security features li tkellem fuqhom u li ma kinux ta' valuta legali, u ma kinux lanqas mahruga mis-Central Bank, li kienet l-awtorita' kompetenti li tohrog il-flus.

Illi maghluqa l-provi tal-Prosekuzzjoni, id-Difiza qatt, ghal tul twil ta' zmien, ma ressqet ebda sinjal ta' prova.

Semghet ukoll it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti, din il-Qorti m’ghandha ebda dubju li l-imputati t-tnejn ghamlu uzu xjentement minn flus foloz biex jixtru bl-istess, fuel. Dan jirrizulta anke mill-uzu frekwenti li sar biex jigi akkwistat il-fuel (vide transazzjonijiet ezebiti miz-zewg petrol stations).

Illi ghalhekk, din il-Qorti qieghda ssib liz-zewg imputati hatja tar-reati kkontemplati taht l-Artikoli 45 u 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta’ Malta, in kwantu certament huma mexxew il-flus falsifikati, flus Maltin, ircevew (almenu Azzopardi) u kellhom fil-pussess taghhom l-istess flus;

Hatja wkoll tal-Artikoli 308, 309, u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, in kwantu ghall-qerq li bih waslu biex jottjenu l-istess fuel. Certament l-uzu ta’ flus foloz jikkwalifika bhala dik il-messa in scena li tinduci ghall-qerq bi qliegh a skapitu tat-terz;

Daqstant iehor issibhom hatja ta’ serq wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 270, 278, u 279 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Lil Reno Azzopardi wahdu, hati wkoll taht il-Kapitolu 65, Artikoli 15, talli saq vettura meta skont ix-xhieda ta’ Brian Farrugia ma kellhix licenzja mhallsa.

Tqis ukoll lil Joanne Ellul bhala recidiva ai termini ta’ l-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li rat l-iskorta tas-sentenzi ezebiti.

Tqis l-addebitu taht l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta bhala wiehed alternattiv, allura tillibera liz-zewg imputati mill-istess. Daqstant iehor tillibera lil Joanne Ellul mill-effetti tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, stante li mhux pruvat u anke mill-effetti tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta’ Malta, stante li mhux pruvat.

Dwar il-piena, rat ukoll l-Artikolu 17, 18 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieset il-fedina penali taghhom, u tikkundannahom ghal piena karcerarja kull wiehed ta' sena u nofs;
Tiskwalifikahom milli jkollhom jew izommu licenzja tas-sewqan ghal sena, li ghandha tibda tiddekorri wara li ssir il-piena ta' prigunerija;
Tordna wkoll is-sekwestru tal-vettura JAV029.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------